MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 228/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mohammed Ali Aboktif**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mohammed Ali Aboktif talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Frar 2005 gewwa l-fond Flat 1, St. Anne Flats, Triq Ball, San Giljan:

1) Ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Rano Kamalova, liema delitt huwa aggravat billi waqt l-esekuzzjon tad-delitt, kien mghejjun minn persuna wahda jew izjed kif ukoll ghamel uzu minn arma regolari u kif ukoll billi saret offiza fuq l-istess persuna ta’ Rano Kamalova;

2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda il-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku;

3) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti is-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Rano Kamalova, kontra l-volonta` taghha u ta l-post biex fih din l-istess persuna u cioe` Rano Kamalova, tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, liema delitt huwa aggravat billi l-persuna arrestata mizmuma jew issekwestrata u cioe` Rano Kamalova, giet offiza fuq il-persuna taghha u kif ukoll billi d-delitt sar bhala mezz biex Rano Kamalova giet imgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

4) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

5) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes ghajjat jew mod iehor;

6) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkometta griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rano Kamalova;

7) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS69 Jesmond Cremona, PC1228 Edward Zammit u PC210 S. La Grasta inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

8) Kellu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

F'dawn il-Gzejjer nhar is-27 ta' Frar 2004 u x-xhur ta' qabel, gewwa San Giljan u bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fizminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi:

9) Iffalsifika, biddel, jew ghamel xi tibdil, f’passaport, jew uza jew kellu ghandu passaport, li huwa jaf li gie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih u cioe` l-passaport Libjan bin-numru 969447;

10) Iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra fuq passaport Libjan bin-numru 969447 li qeghdin sabiex jissigilaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw f’isem tal-Gvern jew tal-awtorita` tieghu, dokumenti jew oggetti;

11) Xjentament ghamel uzu minn dawn is-sigilli timbri jew marki fuq il-passaport Libjan bin-numru 969447;

12) Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat u cioe` passaport bin-numru 969447;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ Gunju 2006, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Mohamed Ali Aboktif hati ta' l-ewwel, it-tielet u d-disa’ imputazzjonijiet izda ma sabitux hati ta’ l-imputazzjonijet l-ohra u minnhom illiberatu, u kkundannatu ghal prigunerija ghal perijodu ta’ tmintax-il xahar;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Mohamed Ali Aboktifipprezentat fis-26 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma l-imsemmija sentenza billi tikkonfermaha fil-parti fejn illiberatu mit-tieni (2), ir-raba’ (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba’ (7), it-tmin (8), l-ghaxar (10), il-hdax (11) u t-tnax (12) il-imputazzjoni u thassarha u tikkancellaha fejn sabitu hati ta’ l-ewwel (1), it-tielet (3) u d-disa’ (9) imputazzjonijiet, cioe` dawk kontemplati taht l-artikoli 207, 202, 86 u 87 tal-Kap 9 u artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u minnhom tilliberah u, fin-nuqqas, umilment jitlob li tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern u li din il-Qorti tordna illi z-zmien illi huwa ghamel taht arrest preventiv jigi mnaqqas mis-sentenza jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi, illi ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi, u illi l-piena nflitta hija esagerata.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, dan jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Issa, skond l-appellant, l-ewwel imputazzjoni, dik dwar ksur ta’ l-artikolu 207 tal-Kap. 9, ma tirrizultax mill-atti processwali ghax huwa ma kkommetta l-ebda att libidinuz fuq Rano Kamalova. Jghid illi l-istess Kamalova ma allegat l-ebda avvanzi sesswali fuqha izda li l-appellant beda jiggieled maghha u li qabadha minn ghonqha. Id-diskors li tghid li l-appellant qallha: *“I will fuck you and I will kill you”* u l-mistoqsija jekk kinitx vergni, ma jammontax ghal att libidinuz kontemplat mil-legislatur. L-appellant stqarr *a tempo vergine* li qatt ma pprova jaghmel sess ma’ Kamalova.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kelinu Mifsud** moghtija minn din il-Qorti presjeduta mill-Imhallef William Harding fit-8 ta’ Jannar 1955 (Vol. XXXIX.iv.931) jintqal hekk:

**“L-artikolu dwar l-attentat vjolent ghall-pudur kien mehtieg, ghax, jekk l-azzjoni tas-suggett attiv tkun oltraggjat il-pudur tas-suggett passiv, dan hu bizzejjed, kien x’kien il-motiv li spinga s-suggett attiv, anki jekk ma kienx fini libidinuz, imma, per ezempju, kien vendetta. Hekk kien il-kaz ‘Rex vs Carmelo Delia’, 2 ta’ Dicembru 1901, fejn is-suggett attiv iddiporta ruhu dizonestament ma’ mara, izda ghall-fini ta’ vendetta; u l-Qorti qalet – ‘Atteso che, secondo la costante giurisprudenza dei nostri tribunali, il reato contemplato nel precitato articolo comprende qualunque atto che si estrinseca nell’oltraggio**

**violento all'altrui pudore, per qualsiasi motivo diretto, senza che nulla influisce sulla nozione del reato la diversita` della causa che abbia spinto ad agire, semprecche` l'azione abbia prodotto il risultato di oltraggiare violentemente il pudore altrui.'**

**L-istess jghid l-Arabia (Principi del Diritto Penale, p. 344), fejn b'riferenza ghall-ghemil tas-suggett attiv f'reat simili, jindikah bhala 'ogni via di fatto, ogni atto che offende il pudore. Non sono questi atti quelli di libidine, perche` non han per fine assoluto lo sfogo libidinoso. Possono essere fatti anche per ingiuria o vendetta."**

Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz, ma ssib l-ebda raguni biex twarrab il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti li hija aktar kredibbli l-verzjoni li tat Rano Kamalova. Evidentement l-ewwel Qorti kellha wkoll l-opportunita` li tqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda (artikolu 637 tal-Kap. 9). Mill-provi ma jirrizultax illi kien hemm att libidinuz kommess mill-appellant fuq Kamalova, izda l-agir tieghu, kif tajjeb ikkonkludiet l-ewwel Qorti jikkostitwixxi attentat vjolenti ghall-pudur. Huwa car illi Kamalova kienet oltraggjata bid-diskors ta' l-appellant u l-attakk minnu fuqha – bl-incitament ta' persuni ohra li kienu fl-appartament tieghu. It-taqlib fil-kamra tas-sodda, bl-imsielet taghha li nstabu f'postijiet differenti fl-istess kamra, it-toqba fil-blouse li kienet liebsa li l-parti nieqsa nstabet mwahhla mal-blade tar-razor li Kamalova qalet li l-appellant uza fuqha, u r-reazzjoni taghha li tkisser it-tieqa biex tghajjat ghall-ghajjut, huma kollha evidenza ta' persuna li kienet qed tissielet sabiex tipprotegi l-integrita` u l-inkolumita` taghha.

Ghalhekk din il-Qorti qed tichad l-ilment ta' l-appellant in kwantu jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni.

It-tieni lment jirrigwarda t-tielet imputazzjoni li l-appellant jghid li ma kellux jinstab hati taghha. Jghid illi sabiex jirrizulta ppruvat ir-reat taht l-artikolu 86 tal-Kap. 9, irid jirrizulta illi l-persuna tigi jew arrestata jew mizmuma jew issekwestrata kontra l-volonta` taghha u minghajr ordni

skond il-ligi ta’ l-awtorita` kompetenti. Huwa jaghmel diversi argumenti sabiex jipprova jiskredita dak li qalet Kamalova. Din il-Qorti pero` diga` osservat illi dak li qalet Kamalova huwa aktar kredibbli u, ghalkemm huwa minnu illi jidher illi kien hemm okkazjonijiet fejn hija ltaqghet ma’ l-appellant, ma jidhirx illi dawn kienu intizi minnha bhala l-bidu ta’ xi relazzjoni intima. Inoltre, il-fatt illi kellha tkisser tieqa sabiex tghajjat ghall-ghajjut, ma jhalli l-ebda dubju f’mohh il-gudikant li fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom hija ma setghetx titlaq mill-appartament minn jeddha. Ghalhekk anke dan l-ilment huwa michud.

It-tielet ilment jirrigwarda d-disa’ imputazzjoni. L-appellant jghid illi huwa gie akkuzat illi kkommetta dan ir-reat fil-perijodu ta’ qabel is-27 ta’ Frar 2004 mentri m’hemm l-ebda prova illi huwa kien Malta f’dawk id-dati.

Mnn ezami ta’ l-imputazzjoni relattiva jirrizulta illi l-appellant gie akkuzat li kkommetta r-reat kontemplat fl-artikolu 5 tal-Kap. 61 “nhar is-27 ta’ Frar 2004 u x-xhur ta’ qabel”. Din il-Qorti ezaminat il-passaport in kwistjoni ta’ l-appellant, cioe` l-passaport Libjan li jgib in-numru 969447. Minnu jirrizulta illi l-ewwel darba illi l-appellant gie Malta kien fis-26 ta’ Mejju 2004, cioe` wara d-data li hemm riferenza ghaliha fl-imputazzjoni. It-timbri foloz li hemm fil-passaport ukoll igibu dati f’Gunju 2004. Barra minn hekk m’hemm l-ebda prova illi tindika illi dawn it-timbri setghu saru fil-perijodu msemmi fic-citazzjoni. Wisq probabbli s-sena 2004 fl-imputazzjoni hija r-rizultat ta’ *lapsus calami* da parte ta’ min ittajpja l-akkuza, zball li ma giex rettifikat fil-mori tal-proceduri. Fil-fatt l-incident li wassal ghal dawn il-proceduri sehh fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Frar <u>2005</u>. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati skond id-disa’ imputazzjoni <u>kif redatta</u>, cioe` bid-data tas-“27 ta’ Frar 2004 u x-xhur ta’ qabel”.

In vista tal-konkluzjoni raggunta fil-paragrafu precedenti rigward id-disa’ imputazzjoni m’hemmx lok illi jigi kkunsidrat it-tieni aggravju li jirrigwarda specifikatament id-disa’ imputazzjoni u ghalhekk din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant iqis illi l-piena hija eccessiva u harxa zejjed meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, argument bejn tfajla u guvni li skala aktar milli suppost u l-mahfra tat-tfajla li riedet twaqqaf il-proceduri. Inoltre jghid illi l-fedina penali tieghu hija netta.

Il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[2].

Fil-kaz in ezami jrid jigi kkunsidrat minn banda illi din il-Qorti sejra tillibera lill-appellant mid-disa' imputazzjoni. Mill-banda l-ohra, l-ewwel u t-tielet imputazzjonjiet huma delitti serji li involvew vjolenza fuq il-persuna ta' Rano Kamalova u huma delitti spregjevoli. Il-piena dwar l-ewwel imputazzjoni hija ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena li tizdied ghal grad, cioe` ghal massimu ta' tmintax-il xahar. Il-piena dwar it-tielet imputazzjoni hija ta' prigunerija ghal tlettax-il xahar sa tliet snin. Fil-kaz odjern huwa applikabbli l-artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u b'hekk tinghata l-piena ghar-reat l-aktar gravi. Jigifieri dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet l-appellant seta' nghata piena massima ta' prigunerija ta' tliet snin. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi m'hemm l-ebda lok ghal temperament fil-piena.

Kwantu ghat-talba ta' l-appellant sabiex din il-Qorti tordna li z-zmien li huwa ghamnel taht arrest preventiv jitnaqqas mis-sentenza, bis-sahha ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 9 (kif kien sostitwit bl-artikolu 8 ta' l-Att III ta' l-2002) illum mhuwiex mehtieg li l-Qorti tiddikjara hi jekk perijodu maghmul taht arrest preventiv ghandux jitnaqqas jew le sabiex dan jitnaqqas, izda huma l-awtoritajiet tal-habs li ghandhom jassiguraw li, purche` ma jezistux l-eskluzjonijet imsemmijin f'dak l-artikolu, jitnaqqas iz-zmien

2 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija v. Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

li l-hati jkun ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reat li dwaru jkun gie kkundannat.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tad-disa’ imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati taghha u minnha tilliberah, u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------